**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 05**

**Data:** **24 ta' Ottubru 2024**

**Hin:** **10.00am**

**Post:** **Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb**

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Dr. Lisa Marie Brooke* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

05.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

05.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

05.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

05.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

05.5 Korrispondenza u Rapporti;

05.6 Kmamar tan-Nar Gharb;

05.7 Program tal-Milied;

05.8 Attivitajiet;

05.9 Progetti u Xogholijiet;

05.10 Materji ohra;

05.11 Skeda ta' Pagamenti;

05.12 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

**05.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

05.1.1 Il-Vici Sindku talab sabiex jigi skuzat peress li kien jinsab indispost.

05.1.2 Tonio Mifsud informa lill-Kunsill li ser ikun ftit tard.

05.1.3 Il-Kunsill qabel li ghandhom jigu skuzati.

**05.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

05.2.1 Il-Minuti gew approvati bhala dokument korrett.

**05.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

05.3.1 Is-Sindku qal li kif kien ga gie diskuss u maqbul precedentament, il-Kunsill qed jahseb biex tinxtara karozza gdida peress li dik li ghandu fil-prezent m'ghadx baqala sahha. Ghaldaqstant huwa ssugerixxa li jikri karozza minghand NGO lokali. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u kien hemm qbil unanimu dwar il-proposta.

05.3.2 Is-Sindku qal li qed jigi nnotat li sikwit qed ikun hemm problema ta' annimali li jintilfu jew jaharbu bil-konsegwenza li dawn jistghu jispiccaw ibghatu jew traskurati. Is-Sindku qal li hemm bzonn ta' Sistema tat-tracking. Giet diskussa din il-materja fejn is-Sindku qal li tista' tigi nkluza bhala bye-law u tigi offruta' lil dawk kollha li juru interess. Bhala prezz din tigi madwar €3.99 fix-xahar liema spiza tista' tinqasam mas-sid tal-animal. Is-Sindku talab lil Lisa Marie Brooke u Joseph Mizzi biex jiehdu hsieb din il-bye law.

**05.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

05.4.1 Giet trattata mistoqsija minghand il-Kunsillier Joseph Mizzi:

Nixtieq inressaq proposta fil-laqgha li jmiss ta' ghada, dwar jekk hux possibli li jiccaqlaq ir-rubbish bin li jinsab fil-pjazza tal-Gharb, hdejn residenza privata. Qed nipproponi li jinbidel il-post sabiex ma jkunx ta' inkonvenjent u ma jdejjaqx residenti. Is-Sindku irrisponda billi qall li din it-talba ga giet il-kunsill, huwa qal li l-problema hija li jekk jiccaqlaq fejn ser jitpogga. Joseph Mizzi staqsa jistax jiccaqlaq b'mod temporanju pero' gie innotat li din tista' tkun problema ghax wara ma jergax jitpogga f'postu. Is-Sindku zied jghid li l-istess problema inholoq fi Triq l-Gharb fejn il-bus stop. Fuq dan il-post kien sar qbil mar-residenti li kienu

ghamlu t-talba li jitpogga bin li jkun maghluq pero' jibqa' f'dan il-post. Is-Sindku ssugerixxa biex jekk xi hadd ma' jsib ebda' oggezjoni li jitpogga quddiem ir-residenza tieghu dan jista' jiccaqlaq. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

**05.5 Korrispondenza u Rapporti**

05.5.1 Gew trattati s-segwenti applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp tal-Awtorita' tal-Ippjanar:
PA/07264/24 u il-Kunsill qabel li ghandu jiehu il-parir tal-Perit tal-Kunsill dwar dan l-izvilupp, PA/06947/24, RG/01319/24, PA/06805/24, RG/00831/24, PA/06496/24, PA/06507/24, PA/06536/24 u PA/00015/24.

**05.6 Kmamar tan-Nar Gharb**

05.6.1 Is-Sindku qal li fiz-zona ta' San Dimitri hemm tlett applikazzjonijiet ghall-kmamar tan-nar li wahda minnhom hija ta' ghaqda lokali tal-Gharb. Huwa spjega li dawn ser jitilghu board u skond ir-rakkomandazzjoni hija li dawn jigu rifjutati pero' dan ma jfissirx li ser jigu rifjutati. Is-Sindku qal li bhala Kunsill tajjeb li insemmghu lehinna. Gie spjegat wahda minn tlett kmamar applikata fit-triq principali, wahda ftit boghod mir-recreation area 'Gnien ir-Rih' li dan sar bil-permess tal-Awtorita' tal-Ippjanar u imbghad hemm dik tal-Gharb li qeghda totalment imwarba minn toroq pricipali pero' jigu affettwati l-bdiewa taz-zona. Tkompliet id-diskussjoni fejn is-Sindku qal li huwa tal-opinjoni li jekk ghandu jinhareg permess ghandu jkun dak tal-kamra tal-Gharb li huwa l-aktar wiehed il-boghod u dan ghandu isservi ukoll ta' kumpeness lin-nies tal-Gharb li ghal zmien twil ilhom ibghatu minn dan il-periklu, spuzjonijiet, hsarat f'djarhom, qtajja u imwiet. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera jaghtu ukoll l-opinjoni taghhom fejn kemm Joseph Mizzi kif ukoll Lisa Marie Brooke qablu li tal-Gharb ghandha tinghata preferenza. Gie innotat ukoll li fir-realta' tal-Gharb kellha diga permess pero' kien imwaqqaf minhabba oggezjoni. Intqal ukoll li ta' l-Gharb ser tithaddem fuq bazi volontarja u mhux kummercjali u l-gwadan ser ikun sapport ghall-festa tal-loklita'. Is-Sindku qal ukoll li jista' jkun li l-Kunsill jkollu dritt ghall-vot f'dan il-kaz fejn il-Kunsill qabel li l-Kunsill ghandu jivvota' iva f'kaz tal-kamra tan-nar tal-Gharb. Gie innotat li d-data ghall-board qeghda ghall-5 ta' Novembru.

**05.7 Program tal-Milied**

05.7.1 Gie spjegat li l-program tal-Milied huwa ippjanat li jibda' fit-13 ta' Dicembru sal-ahhar tas-sena. Is-Sindku ppropona li jkun hemm ice-rink bhas-soltu u rridu naraw ukoll l-istalls hemmx min huwa interessat li jikri stall. Joseph Mizzi staqsa kemm ser ikun hemm stalls fejn is-Sindku qal li ser ikun hemm erbgha pero' tnejn minnhom huwa mehudin mill-Kumitat tal-festa. Imbghad hemm ohra li ser isservi bhala bar. Gie spjegat li s'issa hemm persuna interessata fi stall bhala 'fund raising' ghal Dar Bjorn. Gie issugerit li jigi kkuntatjat tal-popcorn biex naraw ikunx interessat li jiehu stand. Apparti dan is-Sindku qal li ser ikun hemm dancing fountain li ser titqieghed quddiem il-muzew tal-folklore. Attivita' ohra li giet proposta ghall-programm hija l-Christmas Tress Choir li jista' jkun inkluz

ukoll u fil-21 ikun hemm DJ. Il-Kunsill kompla jiddiskuti l-program fejn qabel ma' dak ssugerit.

05.7.2 Is-Sindku ssugerixxa sabiex l-ikla tal-Milied tal-Kunsill issir ghall-ahhar ta' Novembru minhabba impenji li kulhadd ikollu f'Dicembru u ghalhekk ma ssirx. Huwa ssugerixxa ukoll li ssir xi tip ta' repo ghall-NGO's lokali bhala ringrazzjament tal-ghajnuna taghhom matul is-sena f'diversi attivitajiet u sabiex fl-istess waqt jigi diskuss attivitajiet ghas-sena d-diehla. Il-Kunsill qabel ma' dawn is-suggerimenti.

**05.8 Attivitajiet**

05.8.1 Bejn 22 u 24 ta' Novembru ser isir il-weekend ta' attivitajiet li jinkludi l-Opra, Make Music Great, Herbs Festival u r-Run. Is-Sindku stieden lil kunsilliera biex jippartecipaw.

05.8.2 Is-Sindku ppropona sabiex fit-22 ta' Dicembru ssir attivita' ghat-tfal fejn ikollhom ukoll *entertainment* bhal bouncing castle u animators. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li ghandu jorganizza din l-attivita'.

**05.9 Progetti u Xogholijiet**

05.9.1 Gie spjegat li l-progett tal-pool ghadu ghaddej u huwa avvanzat hafna. Dwar x-xoghol fuq it-toroq il-Kunsill ghaddej f'diskussjonijiet sabiex jitkompla x-xoghol fuq Tumas Cassar u li fil-prezent qed nistennew l-approvazzjoni min-naha tal-Enemalta biex issir it-trinka tal-main mill-Playingfied sas-sub-station ta' Triq Frangisk Portelli sabiex eventwalment jigu konessi l-panelli.

05.9.2 Is-Sindku qal li xogholijiet ohra li hemm huma dawk fuq il-latrini fejn fil-prezent qed isir xogholijiet fuq il-post ta' fejn il-latrina ta' Ta' Pinu fejn ser ikun hemm kemm latrina pubblika kif ukoll coffee shop. Is-Sindku qal li jekk bhala latrina tkun tista' tinstab post iehor peress li l-post fejn kien maqbdul mad-Djocesi t'Ghawdex irid jibqa' fil-post kif indikat tista' ssir talba sabiex din il-latrina titmexxa ghal fejn il-playing field u l-latrina li hemm illum issir xi tip ta' kamra li tintuza mill-players. Jekk galadarba jkun hemm xi tip ta' problema huwa ssugerixxa li jibqa' kollox kif ikun. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li ghandu jara kif ser isiru l-affarijiet u jiddeciedi meta jkun hemm xi tip ta' risposta.

Dwar il-latrina ta' Triq Trux ix-xoghol preparatorju huwa ghaddej sabiex tigi il-kumpanija u tinstalla il-latrina.

**05.10 Materji ohra**

05.10.1 Is-Sindku qal li l-kuntratt ma' Maltapost kien gie iffirmat u li l-Kunsill ser jibda' jopera minn nhar is-Sibt. Huwa qal li fil-bidu ser ikun qed joffri servizzi bazici sakemm il-persuna li ser tkun qed taghti servizz minn hemm tiehu t-tahrig. Lisa Marie Brooke issugeriet li fil-posta tal-Gharb ikun hawn is-servizz tal-easypik. Is-

Sindku qal li tajjeb li jizdiedu aktar servizzi li jinghata mill-ufficju tal-posta bhal stationery, insurance u s-servizz tal-ATM. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li jizdiedu s-servizz.

**05.11 Skeda ta' Pagamenti**

05.11.1 L-iskeda tal-pagamenti giet approvata.

**05.12 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

05.12.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar it-Tlieta 26 ta' Novembru fid-9.00am.

05.12.2 Il-laqgha spiccat fil-10.45am

Konfermati minn

David Apap Agius
Sindku

Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv